Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Paul Caruana

Citazzjoni Nru: 8618/2023

Seduta Distrett B'Bugia

Illum 12 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Paul Caruana,** bin John u Theresa Mizzi, m/Zejtun, fi 21/11/1971, ta' 68, Id-Dwejra, Triq St Marija, Zejtun, ID Nru: 526071 (M)

Akkuzat talli nhar is-16/01/2023 ghall-habta ta' 12.10hrs waqt li kont gewwa Triq il-Qajjenza, B'Bugia:

1. Ma obdejtx l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PC240 persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx jew fixkilt waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil PC240 jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li haddiehor ikun ghamel. Art 338 (ee) Kap 9

2. Inqast li tipproduci karta tal-identita' li nharget lilek malli hekk gejt mitlub minn membru tal-Korp tal-Pulizija. Art 7 (3) Kap 258[1]

3. Talli ukoll bzaqt sustanza jew nehhejt mahta mill-imnieher jew hallejt jew iddepozitajt exkreta materjali tal-bniedem inkluz vomtu jew hallejt jew iddepozitajt xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew post pubbliku, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access, u/jew dan id-depozitu jew thollija ma kienx awtorizzat bil-ligi. Skeda 1, Partita 4 L.S. 549.40

4. Talli fil-portijiet, fi xtut il-bahar jew f'lok iehor pubbliku, inzajt gharwien jew ma kontx liebes xieraq. Art 338 (q) Kap 9

5. U aktar talli attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC240 persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompeteni. Art 96 Kap 9. [2]

[1] Fil-fatt l-Artiklu relattiv huwa Art.17 (3) u mhux Art. 7 (3) tal-Kap 258
[2] Folio 1 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-affidavits.

Rat l-istqarrija tal-imputat prezentata in atti u numerata Dok 'WB 3' tal-process.

Rat il-filmat Dok 'WB 4'.

Semghet it-trattazzjonijiet tad-difiza nhar it-22 ta' Marzu 2024 filwaqt li l-prosekuzzjoni strahet fuq il-provi.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li inqala' meta l-imputat allegatament kien qed jaghmel il-bzonnijiet tieghu fil-pubbliku nhar is-16 ta' Jannar 2023. Milli jidher dan l-att giet osservat mill-ufficjal tal-pulizija PC240 Dalli u mar ikellmu. L-imputat ma riedx jaghtih id-dettalji tieghu u allegatament harab minn fuq il-post bl-ufficjal jigri warajh. Meta lahqu, l-imputat baqa' aggressiv u ghalhekk sejjah ufficjali ohra biex jassistuh.

Fl-istqarrija l-imputat bazikament jichad dak kollu addebitat lilu.[3]

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed permezz ta' affidavit **PC 240 JP Dalli** li qal li fis-16 ta' Jannar 2023 hu kien patrol meta lemah lill-imputat jaghmel il-bzonnijiet naturali tieghu f'post pubbliku. L-imputat gie hdejh u meta gharrfu b' dak li ra qallu li jekk ikollu bzonn hu mhux hekk jaghmel. Talbu d-dettalji tieghu, hu irrifjuta u harab jigri. Jghid li gera warajh, u l-imputat irresistieh. PC Dalli sejjah ukoll ghall-assistenza tal-kollegi tieghu.[4]

Xehed **PC 1235 David Mercieca** fejn qal li mar jassisti lil PC 240 Jean Paul Dalli fejn spejegalhom l-akkadut. PC 240 Dalli qal lill-imputat biex imur u meta waslu huma is-sitwazzjoni kienet kalma.[5]

Xehed **PC 1399 Keith Schembri Mc Intyre** li in succinct jikkonferma dak li jghid PC1235 David Mercieca.[6]

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza taht l-artikolu 95, 338(ee) u (q) tal-Kap 9, l-artikolu 7(3) tal-Kap 258 Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht Skeda 1, Partita 4 L.S. 549.40.

---

[3] Dok. WB 3 tal-process.
[4] Folio 2 tal-process.
[5] Folio 5 tal-process.
[6] Folio 6 tal-process.

Il-Qorti ser l-ewwel tezamini l-imputazzjonijiet numru hamsa (5) ossija dik li tirrigwarda l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** (App. Nru. 130/2002) deciz fid-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Il-Prim Imhallef Vincent DeGaetano intqal is-segwenti fuq l-artikoli 95 u 96:

**'din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant seta jinstab hati skond it-tieni imputazzjoni, cioe` tar-reat ta' attakk u resistenza skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali. Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz". Ghalkemm jista' jinghad li Bianco kien inkarigat minn servizz pubbliku, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li billi jiccekkja l-biljetti Bianco kien qed "jezegwixxi l-ligi" jew jezegwixxi "ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Mhux kull min qed iwettaq servizz pubbliku qed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi.'**

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Richard Tong** (App. Nru. 252/2015) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Edwina Grima nhar it- 28 ta' Gunju 2017 intqal:

**'Illi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:**

**"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."**

**Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika. Dan qed jinghad ghaliex l-appellanti donnu qed jikkontendi fl-aggravvju minnu imressaq illi dan it-theddid kellu isehh filwaqt li l-kuntistabbli kien qed jaqdi dmirijietu jew fil-mument li kien qed jipprocedi ghall-arrest tieghu. Dawn bir-rispett huma l-elementi mehtiega fil-ligi sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 u mhux ukoll l-artikolu 95 li ma jinnecessitax illi l-oltragg isir, kif inghad, fil-mument tal-qadi tal-funzjoni pubblika diment illi jigi ippruvat in-nexus bejniethom kif inghad.'**

**Fis-sentenza Il-Pulizija vs Wayne Deguara (App. Nru. 49/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Jannar 2021 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera gie spjegat:**

**Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid: "This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."**

**Sahansitra f'sentenza moghtija fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg jinghad:**

**"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato".**

**…………………………………………………………………… ………………..**

**Fir-rigward tas-sitt akkuza naxxenti mill-Artikolu 96, iridu jissusistu tliet elementi essenzjali minkejja li ukoll il-vitma irid ikun ufficcjal pubbliku.**

1. **Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Mamo jkompli jghid:**

**"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".**

**Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghall-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.**

2. **Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa**

**necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita' li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea ghal kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.**

3. **Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid:**

   **"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tirrileva li l-imputat ma ikkontestax l-affidavits tal-agenti tal-pulizija specjalment dak ta' PC 240 Dalli. Issa hu ben maghruf li meta wiehed ma jattakkax l-affidavits tal-pulizija u jsejhilhom ghal kontro-ezami dak li jinghad fl-affidavit jaghmel prova tajba quddiem dawn il-Qrati. Ara per ezempju x' qalet recentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Nicholas Vella) vs Jonathan Camilleri** (Appell Nru. 119/2023) deciz fil-15 ta' Mejju 2024 per Onorevoli Imhallef Nathasha Galea Sciberras.[7] Dak li jinghad fit-trattazzjoni jrid jigi sorrett minn provi, xi haga li l-imputat ma ghamilx![8] Ghalhekk il-Qorti ma tistax ma tistrihx fuq id-deposizzjoni

[7] Pagna 7.

[8] Il-Qorti ser tinjora il-kwistjoni sollevata mill-avukat difensur ta' B' Bugia vs Birzebbugia bhala lok tal-komparixxi. Argument li bir-rispett kollu huwa banali.

ta' PC 240 Dalli u tiddikjara ukoll li l-istqarrija li ghamel l-imputat nhar is-16 ta' Jannar 2023 quddiem l-ispettur Mark Cremona ma ghandhiex mis-sewwa u mhux kredibbli. L-ufficjal tal-pulizija waqfu ghax propju rah jaghmel l-bzonnijiet tieghu f'post pubbliku u dak li gara wara hu konsegwenzjali ghall-ghemil irresponsabbli tal-imputat.

Illi l-Qorti rat ukoll il-filmat document WB 4, liema filmat ghalkemm ma jigibx l-allegat incident, ghax huwa filmat ta' x'gara wara, l-imputat jinstema' car jghid illi, ghalkemm il-Pulizija ma rahx, veru li hu kien qed jaghmel il-bzonnijiet tieghu barra. Issa fuq il-blat, fil-bahar, jew fit-triq, dawn kollha huma postijiet pubblici u ghalhekk jinqabdu certament fl-akkuzi numru 3 u 4.

Il-Qorti tirrileva ukoll li l-imputat ma ikkoperax mill-ewwel mal-agent tal-pulizija, ma tahx id-dettalji tieghu u skont il-Pulizija prova harab minn fuq il-post. L-imputat jghid li huwa kien ser imur igib il-karta tal-Identita mill-vettura tieghu. L-ufficjal tal-Pulizija jghid li kellu jmur jigri warajh u peress li kompla ma jikkoperax meta lahaq mieghu kellu addirittura jsejjah l-assistenza tal-kollegi tieghu. Mill-assjem ta' dan l-agir kollu, tali azzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti biex issib htija fl-imputat kemm tal-ewwel (1) kif ukoll tat-tieni (2) akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-hames akkuza l-Qorti tqis illi mill-provi mressqa, filwaqt illi jirrizulta li l-imputat ma obdiex l-ordni legittima ta' PC 240, meta (1) ma tahx il-Karta tal-Identita tieghu u (2) meta irrifjuta li jaghtih id-dettalji tieghu pero ma jirrizultax illi kien hemm xi hebb. Tant hu hekk

illi fl-ebda hin PC 240 ma semma li l-imputat hebb ghalih izda biss li kien hemm rezistenza minn  naha ta' l-imputat.

Illi in vista tal-gurisprudenza fuq esposta l-Qorti tqis illi filwaqt illi l-agir ta' l-imputat seta' jirrizulta fi htija taht l-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax tirrizulta htija taht l-Artiklu 96 li l-imputat gie akkuzat bih.

Ghaldaqstant, il-qorti tqis illi l-akkuza numru hamsa ma gietx pruvata u ma tistax tinstab htija fl-imputat taht l-imsemmija akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti kif preseduta tishaq dwar ir-rispett li ghandhom ikollhom ic-cittadini lejn il-forzi tas-sigurta'.  Minghajr dubbju dan ir-rispett ma giex muri kif jixraq mil-imputat. Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Lara Butters) vs Karen Busuttil** (App. Nru 70/2017) deciz fl-10 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Edwina Grima gie ribadit li:

**Tant hu hekk illi minhabba r-rifjut minn naha tal-appellanti u is-sieheb taghha Kevin Attard li jikkoperaw mal-ufficjal tal-pulizija mill-iskwadra ta' kontra l-Vizzji, kellhom jissejhu l-pulizija mir-Rapid Intervention Unit sabiex dawn it-tnejn minn nies jigu skortati lejn l-ghassa tal-pulizija, fejn imbaghad l-appellanti regghet irrifjutat li tobdi l-ordni moghtija mis-surgent 928 u bdiet tallega li dan kien fi stat ta' sokor.**

**"Ordni legittimu moghti mill-pulizija jew mill-awtorita ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni. Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravenzzjoni kontemplata f'l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu jigifieri jekk ikun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata." (Appell Kriminali – Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze – 25/06/1997)**

**Dan ifisser allura illi l-appellanti errat meta iddecidiet tinjora l-ordni moghtija mill-pulizija sabiex hija tghaddhielhom id-dettalji personali taghha u rreaggixxiet b'konfrontazzjoni mal-ufficjali tal-pulizija li waqqfuha u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija. Jekk dehrliha li l-ordni moghtija kienet wahda ingusta kellha kull dritt, kif fil-fatt ghamlet, tipprotesta ghal dak li fil-fehma taghha kienet ordni ingusta u dan bil-mezzi kollha li taghtiha l-ligi."**

Issa fil-kaz in ezami l-incident gie ipprovokat mill-imputat li ma obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija. L-imputat kellu minghajr esitazzjoni jaghti id-dettalji lill-ufficjal Dalli u mhux jeskala s-sitwazzjoni bil-protesti tieghu u b'hekk kellhom jintervjenu membri ohra tal-Korp. Kieku hu ikkopera mill-ewwel, gharaf li seta' forsi kien qieghed fil-hazin, allura zgur li ma kienx jasal l-incident sa hawn.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena li ghandha tigi skontata mill-imputat din il-Qorti tirrimarka li fil-kawza **Il-Pulizija vs Josianne Bonello** (App. Nru.

231/2002) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono gie enfazizzat:

**'Il-membri tal-Korp tal-Pulizija ghandhom xoghol difficli ferm u dan, kull ma jmur, qed isir aktar difficli, perikoluz u impenjattiv u ghalhekk huma ghandhom kull dritt li jistennew li jkollhom il-protezzjoni tal-ligi u tal-Qrati fl-esekuzzjoni legittima tad-doveri taghhom . Din il-Qorti hija altru milli konxja minn dan' .**

Ukoll fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Youssef Rhouni** (App. Nru. 456/2017) deciza fis-27 ta' Frar 2019 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima intqal:

**'Anzi ghal dak li jirrigwarda ir-reat mahsub fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi r-reat kommess kontra membri tal-korp tal-pulizija ghandhom jinghataw certa piz u dan ghandu jigi rifless fil-piena kif imposta li generalment tkun wahda karcerarja specjalment meta jkun hemm uzu ta' vjolenza jew resistenza qawwija'.**

**Ikkunsidrat:**

Ben ferm l-insenjament gurisprudenzjali hawn fuq elenkat din il-Qorti fl-ikkalibrar tal-piena ikkunsidrat is-segwenti fatturi:

1. Il-fatt li l-imputat ipprova jahrab lill-ufficjal tal-pulizija;
2. Is-serjeta' u l-gravita' tal-imputazzjonijiet li qed jinstab hati taghhom fil-kawza odjerna;

3. Il-fatt li huwa naqas li jaghti id-dettaliji lill-ufficjal mill-ewwel;

4. L-obbligu tal-Qorti li tipprotegi is-socjeta', ossija, min ikun f' post pubbliku;

5. In-nuqqas tal-imputat li jikkollabora mal-pulizija;

6. L-eta' tal-imputat.

Illi in kwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata, l-Qorti tqis illi piena pekunjarja hija idoneja f'dan il-kaz.

Illi dwar il-piena fir-rigward tat-tieni akkuza l-Artiklu 24 (1) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

*24.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, u tal-piena ogħla hemmhekk provduti, kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi regolamenti magħmula taħthom, jew xi ħtieġa tal-uffiċjal awtorizzat, teħel, dwar kull reat,* ***multa***[9] *kif jista' jiġi preskritt jew il-ħlas amministrattiv kif jista' jiġi stabbilit għal kull ġurnata li matulha jkompli r-reat.*

Il-Ligi hawnhekk tesigi multa, u ghalhekk dan ir-reat mhux meqjus bhala kontravenzjoni izda bhala delitt u ghalhekk il-piena ghal dan ir-reat in kwantu ammont taqa' taht il-multa u mhux taht l-ammenda bhal fil-kaz ta' kontravvenzjoni.

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 338(ee), 338(q) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 17(3) tal-Kap 258 kif ukoll l-iskeda 1, partita 4 tal-legislazzjoni sussidjarja 549.40 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **PAUL CARUANA HATI** tal-akkuzi numru: 1, 2, 3, u 4 dedotti fil-konfront tieghu, filwaqt illi ssib lill-imputat **PAUL CARUANA MHUX HATI** tal-akkuza numru 5 u qed tikkundanna lill-imputat ghal ammenda fir-rigward tal-akkuzi numru (1), (3) u (4)[10] u multa fir-rigward tal-akkuza numru (2) u dan fis-somma komplessiva ta' elf Ewro (Ewro 1,000) li ghandha tithallas f'perjodu ta' ghaxar (10) xhur mil-lum b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (€100) kull xahar bl-ewwel pagament irid jithallas sa l-ahhar ta' Awissu 2024, liema multa, f'kaz li ma tithallasx, ghandha tigi ikkonvertita fi prigunerija skont il-ligi u dan minghajr ebda bzonn ta' proceduri ulterjuri.

Barra minn dan, il-Qorti sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 240 JP Dalli kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni, flimkien mal-piena qed tobbliga lill-hati b'obbligazzjoni ta' elf Ewro (Ewro 1,000) favur PC 240 JP Dalli ghal perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ordni u obbligazzjoni ma ghandhiex tidhol fis-sehh kemm-il darba l-imputat ikollu l-htiega li jirrikorri ghall-ghajnuna tal-imsemmi pulzija.

[10] Tmienja u hamsin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) kull wahda

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma jonorax l-istess.

(ft) Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

(ft) Victor Deguara

Deputat Registratur.